MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 123/2005

**Maryanne Portelli**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi hija n-nepputija tal-mejjet Pietro Said, li miet fl-Isptar Generali t'Ghawdex, fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru ta' l-elfejn u hamsa (2005);

Illi ma tali mewt, u cioe' fil-mument tad-difna nstab illi kienu jezistu diversi zbalji fuq l-att tat-twelid ta' l-istess Pietro Said. Illi dawn l-izbalji qeghdin joholqu problemi kbar, kemm ma' l-uficcju parrokkjali kif ukoll mad-

Dipartimenti tal-Gvern relatati stante illi d-diskrepanzi illi jezistu huma kbar;

Illi l-istess Pietro Said twieled fi-19 ta' Jannar 1923 u dana skond kif jixhed ic-certifikat rilaxxjat mill-ufficcju Parrokjali tal-Kolleggjata Bazilika tan-Nadur liema dokument huwa markat bhala Dok A u mhux kif erronjament muri fic-certifikat tat-twelid u cioe' fit-12 ta' Marzu 1915 (dok B);

Illi bhala stat ta' fatt kien impossibbli illi d-data hekk kif murija fuq ic-certifikat tat-twelid hija korretta stante li omm l-istess Pietro Said izzewget fid-19 ta' April 1922 fl-eta ta' tmintax (18)-il sena u ghalhekk kien impossibbli li seba' (7) snin qabel hija diga' kellha l-ulied;

Illi in oltre, omm l-istess Pietro Said kien jisimha Carmela nee' Portelli u dana kif jirrizulta kemm mill-att taz-zwieg (dok C) kif ukoll mill-att tal-mewt ta' oht Pietru Said (Dok D) u mhux kif erronjament imnizzel fic-certifikat tat-twelid ta' Pietru Said, Maria Said nee' Said.

Talbet li din il-Qorti:

1. tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u sebgha u disghin tas-sena elf disa' mija u hmistax (197/1915) billi

- fil-kolonna "Data tat-Twelid" id-data tigi taqra 19 ta' Jannar 1923;

- fil-kolonna "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta' l-Omm l-isem jinbidel ghal Carmela nee' Portelli;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti annessi.

Semghet lill-attrici bil-gurament fis-seduta tal-lum fejn ikkonfermat id-dikjarazzjoni gia guramentata taghha.

Il-Qorti;

Ghalhekk taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u sebgha u disghin tas-sena elf disa' mija u hmistax (197/1915) billi fil-kolonna "**Data tat-Twelid**" id-data tigi taqra 19 ta' Jannar 1923 u fil-kolonna "**Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta' l-Omm**" l-isem jinbidel ghal Carmela nee' Portelli.

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------